MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Numru. 866/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIA MICALLEF**
**KONTRA**

**CHANTELLE AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Chantelle Azzopardi ta’ 21 sena, bint Francis u Pauline nee’ Grech, mwielda Pieta’ nhar il- 25 ta’ Settembru 1988, residenti fil- fond 16, Angel Eyes, Sqaq Aloisio Numru 1. Qorrmi u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 436188(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 18 ta' Dicembru 2008, ghall- habta tas-7.30pm f' dawn il- Gzejjer volontarjament hassret, ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq vettura tal- ghamla Hyundai Getz bin-numru tar- registrazzjoni GLN 389, a detriment ta' Glenn Peter Vella, liema hsara ma tiskorriex l- elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izdjed minn mija u sittax – il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta incident ta' "road rage" bejn l-imputata u l-parti leza, Glenn Peter Vella, li kien qed isuq il-vettura tieghu fid-data u l-hin indikati. Mill-provi prodotti l-Qorti hi aktar propensa temmen il-verzjoni moghtija mill-prosekuzzjoni milli dik tal-imputata. Gara ghalhekk li fit-18 ta' Dicembru 2008, Vella kien ghaddej bil-vettura tieghu, flimkien mat-tfajla tieghu Lilian Gauci, minn Triq Regjonali, fid-direzzjoni lejn l-Imsida, u hekk kif gie ghan-nizla fejn il-Kappara, giet vettura ohra misjuqa minn Susan Mifsud u l-imputata u ghamlet manuvra perikoluza quddiemu u baqghet sejra. Hu ghalhekk saq warajha, ghaddieha, u waqaf quddiemha fit-triq li taghti ghall-mini tal-Universita. Il-vettura l-ohra, misjuqa minn Mifsud, fejn l-imputata kienet riekba bhala passiggiera, waqfet ukoll, u qam diverbju bejniethom. Vettura ohra, misjuqa minn terz mhux maghruf, waqfet ukoll, u aktarx habtet ftit mal-vettura ta' Mifsud, izda ma' dan it-terz ma nqala' xejn. Vella saq mill-post, u ftit wara saqu warajh Mifsud u l-imputata. Fil-fatt huma lahqu lil Vella ftit wara l-mini ta'

Santa Venera, qabel ma t-triq taghti ghall-Marsa, u hemm regghu waqfu z-zewg vetturi. Din id-darba, izda, l-imputata harget mill-vettura ta' Mifsud u tat b' idejha fuq il-vettura ta' Vella, bil-konsegwenza li ghamlet xi hsara ammontanti ghal madwar €230 Ewro. L-imputata qalet li dawk id-daqqiet saru ghax l-imputat saq ghal fuqha diversi drabi, u hi kemm ippruvat tilqa' mid-daqqiet tal-vettura. Bid-dovut rispett, din il-verzjoni ma hijiex verosimili meta mqabbla mal-provi l-ohra kollha. Il-Qorti hi konvinta li l-imputata harget mill-vettura ta' Mifsud meta waqfu t-tieni darba u aggrediet lil Vella, bil-konsegwenza li ghamlet il-hsarat fil-vettura tieghu kif gia' inghad.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-imputata ghandha tinstab hatja tal-imputazzjoni ta' hsara volontarja. Kwantu ghall-piena, hawnhekk si tratta ta' persuna ta' eta' tenera u b' fedina penali ghal kollox netta, u ghalkemm l-incident fih innifsu ma kien xejn pjacevoli ghal Vella u t-tfajla tieghu, xorta ma kienx wiehed ta' xi gravita' li jimmerita sanzjoni partikolari. Il-Qorti trid tassigura li l-ammont ta' hsara kkagunata fil-vettura ta' Vella tithallas mill-imputata, minghajr ma jkun hemm piena li thassar il-fedina penali taghha. Ghalhekk ser ikun hemm ordni taht id-disposizzjonijiet tal-Kap 446 f' dan is-sens.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena, ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputata thallas is-somma ta' mitejn u tletin ewro (€230) lil Glenn Peter Vella fi zmien xahar ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------